Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 9/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Glenn Debattista**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Glenn Debattista talli fit-22 ta' Jannar, 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi skond l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali;

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-

atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u dan ai termini tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali;

2. talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe` licenzja falsifikata u dan ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha iddecidiet hekk:

*"Ghaldaqstant tiddeciedi l-kawza billi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Ghall-finijiet ta' piena kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat li mhi xejn edifikanti anzi turi li l-imputat gia precedentement instab hati tal-istess reat. Rat l-Artikoli 183, 184 u 17(h) tal-Kap. 9, u tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija."*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Glenn Debattista, minnu ppresentat fit-22 ta' Jannar, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Dicembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li "l-akkuza" kienet nulla, u dan peress li fic-citazzjoni ma kienx hemm indikazzjoni "tal-fatti" kif preskritt fl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh. Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti ta' l-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura

(il-kelma “licenzja” tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-“nullita`” tal-akkuza – sia jekk ta’ l-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) *per se* u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta’ l-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici “avviso a comparire” u mhux il-bazi ta’ l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu *(i)* tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri *ex officio* bil-paragrafu *(c)* tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f’posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b’mod ukoll li f’kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f’dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk “il-fatti ta’ l-akkuza” ikunu gew redatti b’tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b’xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista’ jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x’inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista’ jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x’kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b’ebda mod ma jista’ jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li l-posizzjoni hija differenti meta si tratta tal-forma aktar solenni tal-Att ta’ Akkuza fil-Qorti Kriminali – hawn il-legislatur kjarament jiddistingwi bejn “il-fatt li jikkostitwixxi r-reat” u “r-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi” – paragrafi *(c)* u *(d)* tal-Artikolu 589. Pero` anke hawn tista’ issir korrezzjoni skond ma jipprovdi l-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, salv ghas-sitwazzjoni prevista fil-proviso tas-

subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li trattandosi ta' licenzja tal-vettura – cioe` dik li titwahhal mal-*windscreen* – u mhux "licenzja tas-sewqan" kif donnha erroneament ikkonkludiet l-ewwel qorti, hu ma setax jinstab hati kif effettivament instab "stante li d-dokument in kwistjoni huwa responsabbilta` esklussiva ta' sid il-vettura bhalma huwa obbligu ta' l-istess sid li jiehu hsieb il-hlas tal-licenzja u li jara li din titwahhal mal-*windscreen* tal-vettura skond il-ligi". Issa, ghakemm huwa veru li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, iccitat sentenza precedenti[1] li kienet tirreferi ghal-licenzja tas-sewqan u mhux ghal-licenzja tal-vettura, ma hemmx xejn li legalment izomm persuna, li ma tkunx is-sid tal-vettura, milli tbaghbas ma', jew tiffalsifika, licenzja tal-vettura u twahhalha mal-hgiega ta' l-istess vettura (jew ta' vettura ohra) b'mod li tigi qed tuza dak id-dokument hekk imbaghbas jew falsifikat. Jista' jaghti l-kaz li sid il-vettura jkun komplici bil-mod kif kontemplat fl-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali; pero` jista' jaghti l-kaz ukoll li sid il-vettura ma jkun jaf assolutament xejn dwar dak li jkun qed isir. Jekk, minkejja li ma jkun jaf assolutament xejn, ikunx responsabbli taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi ghas-semplici fatt li l-vettura tieghu intuzat fit-triq minghajr licenzja valida – ghax tkun licenzja falsifikata jew skaduta – hija kwistjoni ohra, kwistjoni li ma tincidix fuq ir-responsabbilta` o meno ta' min ikun effettivament iffalsifika u/jew uza l-licenzja tal-vettura. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

Fl-ahharnett l-appellant jikkontendi li hu ma setax jinstab hati li ffalsifika "att awtentiku u pubbliku" peress li dak baghbas kien "dokument skadut u bla valur". Din il-Qorti semplicement ma taqbilx. Huwa veru li l-licenzja li l-appellant biddel in-numru taghha minn "01" ghal "02" kienet skadiet proprju f'Marzu tas-sena 2001, izda dan ma jfissirx li wara Marzu tas-sena 2001 din il-licenzja ma baqghetx dokument pubbliku: bhala dokument baqa' wiehed li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu – u cioe` li

---

[1] ***Il-Maesta` Taghha r-Regina v. Guzeppi Zahra*** App. Krim. 11 ta' Dicembru, 1953.

dik il-vettura kienet licenzjata biex tintuza fit-triq sa Marzu 2001 – dokument maghmul bil-formalitajiet mehtiega u mahrug minn awtorita` pubblika. Filwaqt li d-dokument in dizamina kien juri li bhala fatt il-licenzja kienet imhallsa sa Marzu 2001, l-appellant zied "dikjarazzjoni" jew "fatt" biex dak id-dokument jigi jghid li l-licenzja kienet imhallsa sa Marzu, 2002. Dan kollu jinkwadra perfettament fl-Artikolu 183 tal-Kap. 9 sia jekk din iz-zieda saret qabel l-ahhar ta' Marzu, 2001 u sia jekk saret wara.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------